MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 429/2002/1

**Dr. Louis de Gabriele bhala mandatarju tas-socjeta` estera Offix Klass s.p.a.**

**vs**

**Arcidiacono Mfg. Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' Lulju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fis-26 ta' Gunju, 2002 fejn l-attur nomine talab lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma f'liri Maltin ekwivalenti ghal Euro 10,248.93 (ghaxart elef, mitejn u tmienja u erbghin Euro u tlieta u disghin centezmu) ekwivalenti ghal erabat elef, mitejn u tlieta u hamsin lira

Maltin (Lm4,253.00) skond ir-rata ta' kambju tas-26 ta' Gunju, 2002, liema ammont jirraprezenta bilanc dovut lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija pprovduta.

Bl-ispejjez, u bl-interessi legali mid-data li l-ammont gie dovut, sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament, l-attur irid jipprova illi huwa nghata l-mandat sabiex jipprocedi f'din il-kawza ghan-nom tas-socjeta' estera Offix Klass s.p.a.
2. Illi bla pregudizzju u fil-mertu, t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-merkanzija konsenjata ma kinitx tal-kwalita' patwita u kienet difettuza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta qeda titlob il-prova li l-attur nomine nghata mandat mis-socjeta' estera Offix Klass s.p.a. sabiex tipprocedi f'din il-kawza. Il-Qorti tirrleva illi r-relazzjoni bejn il-klijent u l-avukat hija xi haga nterna li tirrigwarda lilhom biss. Jekk klijent jaghti mandat lill-avukat, dan m'ghandux ghalfejn jaghmilha bil-miktub u ghalhekk, bhala prova m'ghandhiex ghalfejn issir. Darba l-avukat jipprezenta xi att ghan-nom ta' xi socjeta' estera, l-Qorti tista' tassumi illi ghandu dan il-mandat, peress illi l-konsegwenzi ghall-avukat jekk jagixxi mod iehor huma kbar fil-konfront tieghu. Fi kwalunkwe kaz, f'din il-kawza, hadd mill-partijiet ma nsista fuq din l-eccezzjoni u ghalhekk, ma jidhirx illi ghandha tkun ta' xi ostaklu ghall-procediment tal-Qorti biex tikkonsidra l-meritu.

L-eccezzjoni principali tas-socjeta' konvenuta tirrigwarda n-nuqqas ta' kwalita' patwita tal-merkanzija mibghuta lis-socjeta' konvenuta.

Irrizulta mill-provi li din l-ahhar socjeta' ordnat kwantita' ta' siggijiet minghand is-socjeta' estera Offix Klass s.p.a. Il-merkanzija waslet Malta fil-21 ta' Mejju, 2001 (Dok RA4 fol. 54). Renato Arcidacono jghid testwalment, "Meta l-merkanzija waslet Malta ahna hadniha fil-*warehouse* taghna u hemmhekk ftahniha u rrealizzajna mall-ewwel li l-kwalita' kienet differenti hafna minn dak illi rajna fil-fiera."

Din in-nuqqas ta' kwalita' taghti dritt lis-socjeta' konvenuta li tinvoka favur taghha l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jghid: "Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex il-kunsinna ma tkunx tal-kwalita mwieghda jew ma tkunx bhal kampjun illi fuqu l-bejgh ikun sar ix-xerrej jista' jaghmel jew jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit."

Is-socjeta' konvenuta, pero', ghazlet illi ma tiehu l-ebda azzjoni. Zammet il-merkanzija, ddisponiet minn parti minnha u issa li ntalab il-hlas, ghazlet illi topponi t-talba tas-socjeta' attrici permezz ta' eccezzjoni.

Il-Qorti jidhrilha illi dan ma tistax taghmlu "in via di eccezzione", izda setghet tagixxi fil-konfront tas-socjeta' estera fit-terminu illi taghti l-ligi, liema terminu ghadda inutilment minghajr ma s-socjeta' attrici hadet azzjoni.

Renato Arcidiacono in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta jghid testwalment illi wara li rcieva l-merkanzija u dahal f'korrispondenza mas-socjeta' estera, xorta ghazel li jinnegozja l-merkanzija. "Fi kwalunkwe kaz, ahna ppruvajna nbieghu dawn is-siggijiet u nrexxilna nbieghu xi haga minnhom" (fol. 41). Aktar tard jghid, "Ahna tlabna lis-socjeta' estera sabiex is-siggijiet johduhom lura, izda dawn irrifjutaw. Illum is-siggijiet parti minnhom ghadhom ghandna fi stat danneggjat jew fi grad ta' hsara differenti u ohrajn qeghdin ghand il-klijenti."

L-agir tas-socjeta’ konvenuta li zzom il-merkanzija, nnegat l-effetti ta’ l-artikolu 1390 fuq imsemmi. Fil-kawza Eugenio Diacono vs Giuseppe Galea (Volum XVIII part III pagna 59) il-Qorti qalet, “Se il venditore promette esplicitamente una qualita’ che il-compratore ha specialmente in mira, questi, in difetto di tale qualita’, puo’ esercitare l’azzione di nullita’ della vendita. Se il compratore riceve la merce e la trattiene senza riclamo, si deve presumere che egli sia sodisfatto della qualita’ della stessa.”

L-istess jinghad fil-Kawza GioMaria Mizzi noe vs Dr M. A. Refalo nomine (Vol. XXI part III pagna 49). “Il rifiuto della merce non e’ piu’ possibile quando, ricevuta la stessa, il compratore ne dispenga anche in parte; … ”

F’dan il-kaz jidher car illi s-socjeta’ konvenuta zammet il-merkanzija minghajr ma ghamlet xi protest ufficjali lis-socjeta’ estera illi pprovdiet il-merkanzija. F’dan l-istadju huwa mmaterjali jekk il-merkanzija kinitx tal-kwalita’ miftehma jew le. Il-fatt biss, li s-socjeta’ konvenuta zammet il-merkanzija u bieghet parti minnha, jitilfilha d-dritt li tagixxi kontra s-socjeta’ attrici abbazi ta’ l-Artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-kawza Buttigieg vs Hirst (Vol. XXXII part I pagna 163) “Il-kompratur ghandu dritt jitlob ir-rezulozzjoni tal-kuntratt meta l-oggett ma jkunx konformi mall-ftehim, avolja jkun ircieva l-oggett ghall-bejgh, sakemm ma jkun tilef dan id-dritt f’att tieghu stess.”

Il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta’ konvenuta tilfet dan id-dritt b’att taghha stess meta ghazlet illi zzomm il-merkanzija minghajr reklam. Kellha diversi mizuri disponibbli ghaliha li kieku riedet tikkawtela d-drittijiet taghha. Ma dan kollu s-socjeta’ konvenuta ghazlet illi ma taghmel xejn u minflok opponiet it-talba ghall-hlas abbazi ta’ dritt illi hija tilfet.

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell sede Nfejuri, fl-ismijiet Fredrick Micallef et vs May Sullivan deciza fit-22 ta’ Novembru, 2002 fejn il-konvenuta kienet zammet il-merkanzija li hija ordnat,

liema merkanzija rrizulta illi kienet difettuza. Peress illi l-konvenuta ma hadet l-ebda mizuri legali, f'dan il-kaz, in-nuqqas ta' azzjoni taghha kienet tfisser rinunzja ghad-dritt li tagixxi kontra l-atturi ghad-difetti li kellha l-merkanzija. (Ara wkoll Carmelo Ciappara vs Frans Steinboeck noe Qorti ta' l-Appell sede Nferjuri deciza fl-10 ta' Ottubru, 2003)

Il-Qorti, ghalhekk, jidhrilha li s-socjeta' attrici kif rapprezentata ghandha d-dritt li titlob ghall-hlas tal-merkanzija illi ssuppliet lis-socjeta' konvenuta peress li din ta' l-ahhar tilfet id-dritt li tagixxi kontra s-socjeta' estera meta ghazlet li zzomm il-merkanzija bid-difetti taghha minghajr ma ghamlet reklam kontra s-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur nomine u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallsu s-somma ta' erabat elef, mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm4,253.00), ammont li jirraprezenta bilanc dovut lis-socjeta' attrici ghall-merkanzija pprovduta.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-Avviz ghas-smiegh kontra s-socjeta' konvenuta."

Is-socjeta` konvenuta tikkontesta din is-sentenza ta' l-ewwel Qorti b' dawn l-ilmenti:-

(1) Sar ragonament zbaljat fejn dik il-Qorti tenniet li l-konvenut ma setax iqajjem il-kwestjoni li l-merce ma kienetx tal-kwalita` pattwita "*per via di eccezione*";

(2) Sar apprezzament hazin tal-provi meta gie deciz illi bl-agir taghha hi tilfet id-drittijiet stabbiliti bl-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili;

Stabbiliti dawn l-aggravji, kieku tabilhaqq il-kaz prezenti kien jaggira fuq bejgh mhux tal-kwalita` pattwita, kif hekk pretiz mis-socjeta` appellanti, u kif hekk ukoll jidher mis-

sentenza appellata li gie argomentat, trattat u deciz mill-ewwel Qorti, allura jkollu jinghad ghal skop ta' precizazzjoni guridika illi:-

(1) Il-mankanza tal-kwalita` tirrientra fid-dixxiplina ordinarja ta' inadempiment kontrattwali u ghalhekk hi koncessa kemm b' azzjoni ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt kif ukoll b' difiza. Ara **Kollez. Vol. XXX P I p 751**;

(2) It-terminu ghall-proponiment ta' azzjoni bhal din, jew biex tigi ezercitata l-eccezzjoni, hu dak ta' sentejn [Artikolu 1407 (1), Kapitolu 16]. Jidher li hu pacifiku illi dan it-terminu "*piu` di una prescrizione costituisce una decadenza o una perenzione*" (**Kollez. Vol. XXIV P II p 629**);

(3) Din l-azzjoni jew eccezzjoni ma humiex sostenuti jekk ix-xerrej, koxjenti mill-fatt illi l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita, jzomm l-istess jew jiddisponi minnu, anke in parte. "*Il rifiuto della mercia non è piu` possibile quando ricevuta la stessa, il compratore ne disponga anche in parte*" (**Kollez. Vol. XXI P III p 49**). Ara wkoll **Kollez. Vol. XXXII P I p 163**;

Fermi dawn ir-riljievi li saru anke biex tinghata twegiba lil certi sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici appellata fis-sostenn taghha tas-sentenza hawn impunjata, hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi fl-isfond tal-provi processwali kellu jigi attentament ezaminat jekk il-materja proposta b' difiza kellhiex verament mill-indoli tal-mankanza tal-kwalita` jew invece minn dik tad-denunzja tal-vizzji fil-merce importata rientranti fid-dixxiplina ta' dik il-garanzija statwita fl-Artikoli 1408 u 1424 tal-Kodici Civili;

Innegabilment, il-mankanza tal-kwalita` u l-presenza tal-vizzji fil-haga komprata huma zewg fattispeci li kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza minn dejjem zammew distinti. Hekk inghad fid-decizjoni riportata a **Vol. XXXI P I p 647** illi "meta l-kwistjoni tkun qieghda taggira ruhha fuq il-kwalita` tal-haga mibjugha, il-vizzju

redibitorju u t-teorija relativa mhumiex applikabbli, precizament ghaliex f' dawn il-kazijiet l-ezami ghandu jaggira ruhu fuq l-ewwel obbligazzjoni tal-venditur li ghandu jaghti l-haga skond il-kwalita` miftehma u f' kundizzjoni li kienet waqt il-bejgh, u prezumibilment fi stat tajjeb, mentri fil-kaz tal-vizzji redibitorji ma jkunx hemm l-ebda kwistjoni fuq il-kwalita` tal-haga, izda x-xerrej jippretendi li l-oggett huwa effettivament tal-kwalita` miftehma, izda ghandu go fih vizzji okkulti li jirrendih ghalih inutili" (pagna 651). Forsi l-unika haga li xxebbahhom flimkien jikkonsisti fil-fatt illi fiz-zewg ipotesijiet huwa koncess ir-rimedju tar-riduzzjoni fil-prezz (Artikoli 1390 u 1427, Kodici Civili);

Fil-prattika, hemm il-mankanza tal-kwalita` meta l-haga mibjugha minn natura taghha, jew mill-elementi li jikkomponuha, jew minhabba l-karatteristici strutturali taghha, tappartjeni ghal tip divers minn dak ikkuntrattat jew mhux konformi ghall-kampjun. Invece, il-vizzju jew difett fil-haga jikkonsisti minn certi mperfezzjonijiet inerenti ghall-process tal-produzzjoni jew fabbrikazzjoni tal-haga. Gie osservat a propozitu fis-sentenza a **Vol. XXXVIII P III p 688** illi "il-merci ghandha tigi rikonoxxuta vizzjata, jew difettuza, meta tigi fiha verifikata xi devjazzjoni mill-istat taghha ordinarju u normali, li minnu tkun tiddependi l-attitudni taghha ghall-uzu li ghalih, minn natura taghha, hija destinata, u ghalhekk, vizzju jew difett, hija kull anormalita` jew imperfezzjoni, u kull gwast jew avarija, illi fil-haga tigi riskontrata, li tnehhilha jew tnaqqsilha l-attitudni ghall-uzu; u kwindi, biex il-haga tkun difettuza irid ikun jonqsilha xi haga biex tkun tista' tezisti b' mod pjenament konformi ghan-natura taghha, u biex tkun vizzjata jrid jkun hemm fih xi alterazzjoni li minhabba fiha l-haga ma tkunx kif normalment ghandha tkun";

Fuq l-analisi taghha tal-provi prodotti din il-Qorti ma ssibx illi d-difiza tas-socjeta` appellanti fondata fuq in-nuqqas tal-kwalita` pattwita tinsab hekk sew sorretta. Huwa veru li r-rapprezentant taghha Renato Arcidiacono jaccenna fid-deposizzjoni tieghu illi l-kwalita` tal-merce mixtrija

minghand is-socjeta` estera kienet differenti hafna minn dik li hu kien osserva fil-fiera ta' Milan. Hekk ukoll, dejjem skond dan ix-xhud, gie suggerit li s-siggijiet importati setghu nhadmu c-Cina u mhux l-Italja. Suggeriment dan li thalla *in vacuo* u minghajr is-sostenn ta' prova konkreta. B' danakollu, imbaghad, meta l-kumplament tax-xhieda tieghu tigi analizzata kif jixraq wiehed isib li l-ilmenti kienu limitati ghal "ksur ta' xi sieq, viti mhux b' sahhithom bizzejjed biex izommu l-istruttura u difetti simili" (fol. 41). Similment dawn ix-xorta ta' difetti jew hsarat huma registrati fil-fax li ntbaghtet lid-ditta ta' barra fl-14 ta' Gunju 2001 (fol. 55). Minnhom hu dezumibbli illi l-hsarat huma inerenti ghall-process tal-produzzjoni tas-siggijiet komprati. Tant hu hekk li proprju fl-istess fax is-socjeta` appellanti tissottolineja t-tama taghha li ma tirriskontrax "*any other damages or problems relating to the assembly or function of the chairs*";

Minn dak appena konstatat, ghal din il-Qorti l-ilmenti tas-socjeta` appellanti ghandhom aktar minn natura ta' imperfezzjoni materjali li tincidi fuq l-utilita` jew il-pregju u l-valur tal-haga li ssemmi l-garanzija fl-Artikolu 1424, Kodici Civili, milli minn xi elementi sostanzjali li jinfluwixxu fuq il-klassifikazzjoni tal-haga fi speci ohra minn dik komprata;

Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti ma tistax, fic-cirkostanzi okkorrenti, ma tikkondividix is-suspett ta' l-attur *nomine* fejn, fir-risposta ta' l-appell tieghu, irrileva illi kellu dubju serju jekk fil-fatt id-difiza tal-konvenut hadetx ix-xejra ta' wahda bazata fuq il-"kwalita` pattwita" ghar-raguni li z-zmien ghall-proponiment tar-redibitorja kien skada inutilment. U, kif saput, "*il diritto nascente da vizio che intitola l' azione redibitoria non puo essere dedotto in linea di eccezione ma dev' essere esercitato in tempo utile per via di azione*" (**Kollez. Vol. XX P II p 280**);

Anke hawn is-socjeta appellanti, *qua* kompratrici, ma setghatx tippretendi li minkejja li, skond hi, l-merce kienet

difettuza, izzommha ghandha, tiddisponi minn parti minnha u tiddeciedi li ma thallasx taghha. Pretensjoni bhal din certament ma hijiex wahda guridikament korretta. Kif diversi drabi enuncjat, “ix-xerrej ma jistax izomm f’ idejh il-merkanzija li ma jkunx irid jaccetta u, wara li jkun ghadda z-zmien, jirrifjuta li jhallasha u jippretendi li jaghtiha lura lil venditur, billi jallega li l-merkanzija kienet difettuza” (**Kollez. Vol. XLIV P I p 153**). “Huwa kien imissu agixxa bid-diligenza kollha f’ materja simili, u ladarba ma ghamelx hekk, ma jistax wara jippretendi li jirritorna l-merkanzija u jippregudika lill-venditur” (**Kollez. Vol. XXXIII P I p 585**).

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, anke jekk issa ghal ragunijiet ben diversi minn dawk tal-Qorti Inferjuri. L-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu sopportati mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------